Sejħa għall-proposti 2020

Programmi multipli

Għotjiet għal miżuri ta' għoti informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014

(2020/C 12/08)

1. L-isfond u l-għan ta' din is-sejħa

1.1. *Miżuri dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli*

Fit-22 ta' Ottubru 2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 ([1]) dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008. Dan ir-Regolament huwa supplimentat bir- Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1829 ([2]) u r-regoli għall-applikazzjoni tiegħu huma stabbiliti fir- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1831 ([3]).

L-objettiv ġenerali tal-miżuri dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni huwa li jżidu l-kompetittività tas-settur agrikolu tal-Unjoni.

L-objettivi speċifiċi tal-miżuri dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni huma li:

(a) iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-merti dwar il-prodotti agrikoli tal-Unjoni u dwar l-istandards għoljin applikabbli għall-metodi ta' produzzjoni fl-Unjoni;

(b) iżidu l-kompetittività u l-konsum tal-prodotti agrikoli u ta' ċerti prodotti tal-ikel tal-Unjoni u li jgħollu l-profil tagħhom kemm ġewwa kif ukoll barra mill-Unjoni;

(c) iżidu s-sensibilizzazzjoni u r-rikonoxximent tal-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni;

(d) iżidu s-sehem mis-suq tal-prodotti agrikoli tal-Unjoni u ta' ċerti prodotti tal-ikel, billi jiffokaw b'mod speċifiku fuq dawk is-swieq f'pajjiżi terzi li għandhom l-akbar potenzjal ta' tkabbir;

(e) jerġgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet normali tas-suq fil-każ ta' disturb serju tas-suq, telf tal-fiduċja tal-konsumaturi jew problemi speċifiċi oħra.

1.2. *Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Kummissjoni għall-2020*

Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Kummissjoni għall-2020, adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ([4]) fit-18 ta' Novembru 2019, jispeċifika d-dettalji għall-għoti ta' kofinanzjament u l-prijoritajiet għal programmi sempliċi u multipli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi. Dan huwa disponibbli fl-indirizz li ġej:

https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/market-measures/promotion-eu-farm-products_mt

1.3. *Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel*

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (minn hawn 'il quddiem "Chafea") hija fdata mill-Kummissjoni Ewropea bil-ġestjoni ta' ċerti partijiet tal-miżuri dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi, inkluża t-tnedija ta' sejħiet għall-proposti, ir-riċeviment u l-evalwazzjoni tal-proposti, it-tħejjija u l-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja għal programmi multipli u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56).

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1829 tat-23 ta' April 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi (ĠU L 266, 13.10.2015, p. 3).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1831 tas-7 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi (ĠU L 266, 13.10.2015, p. 14).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2020 tal-miżuri ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi, C(2019) 8095.

1.4. *Din is-sejħa għall-proposti*

Din is-sejħa preżenti għall-proposti tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' programmi multipli, fil-qafas tat-Taqsimiet 1.2.1.3 (azzjonijiet taħt il-prijorità tematika 3: programmi multipli fis-suq intern) u 1.2.1.4 (azzjonijiet taħt il-prijorità tematika 4: programmi multipli f'pajjiżi terzi) tal-Anness I tal-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2020.

2. **Objettivi — Prijoritajiet — Suġġetti**

It-Taqsimiet 1.2.1.3 u 1.2.1.4 tal-Anness I tal-programm ta' Ħidma Annwali għall-2020 jispeċifikaw il-prijoritajiet tematiċi għall-azzjonijiet kofinanzjati permezz ta' din is-sejħa (ara wkoll it-taqsima 6.2 dwar Attivitajiet eliġibbli aktar 'l isfel). L-applikazzjonijiet sottomessi bħala tweġiba għal din is-sejħa jridu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' xi wieħed mit-tliet suġġetti li jingħataw f'dawn it-taqsimiet tal-programm ta' Ħidma Annwali, inkella mhux se jiġu kkunsidrati għal finanzjament. L-applikanti jistgħu jissottomettu diversi applikazzjonijiet għal proġetti differenti taħt l-istess suġġett prijoritarju. L-applikanti jistgħu jissottomettu wkoll diversi applikazzjonijiet għal proġetti differenti taħt prijoritajiet tematiċi jew suġġetti differenti.

3. **Skeda**

L-iskadenza għas-sottomissjoni hija l-15 ta' April 2020, 17.00 CET (Ħin tal-Ewropa Ċentrali).

	Stadji/Dati ta' Skadenza	Data u ħin jew perjodu indikattiv
a)	Pubblikazzjoni tas-sejħa għall-proposti	14.1.2020
b)	Data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' mistoqsijiet mhux relatati mal-IT	1.4.2020 17.00 CET
c)	Data ta' skadenza biex tingħata tweġiba għal mistoqsijiet mhux relatati mal-IT	8.4.2020 17.00 CET
d)	Skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet	15.4.2020 17.00 CET
e)	Perjodu ta' evalwazzjoni	April–Awwissu 2020
f)	Informazzjoni lill-applikanti	Ottubru 2020
g)	Fażi tal-adattament tal-għotja	Ottubru 2020–annar 2021
h)	Iffirmar tal-ftehim tal-għotja	< Jannar 2021
i)	Data tal-bidu tal-azzjoni	> 1.1.2021

4. **Baġit disponibbli**

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-azzjonijiet taħt din is-sejħa huwa stmat li jilħaq EUR 86 400 000. L-ammonti indikattivi disponibbli għal kull suġġett huma indikati fit-tabella "Attivitajiet eliġibbli" taħt il-punt 6.2 aktar 'l isfel.

L-ammont hu soġġett għad-disponibbiltà tal-approprjazzjonijiet prevista fil-baġit ġenerali tal-UE għall-2020, wara l-adozzjoni tiegħu mill-awtorità baġitarja jew previsti fil-partijiet minn kull tnax proviżorja.

Iċ-Chafea tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

5. **Rekwiżiti ta' Ammissibbiltà**

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu sa mhux aktar tard mill-iskadenza għas-sottomissjoni msemmija fit-taqsima 3.

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi online mill-koordinatur permezz tal-portal tal-"Opportunitajiet ta' Finanzjament u l-Offerti" (is-sistema ta' sottomissjoni elettronika disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home).

In-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' hawn fuq iwassal għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni.

Minkejja li l-proposti jistgħu jiġu sottomessi fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-applikanti huma mħeġġin ħafna jissottomettu l-proposta tagħhom bl-Ingliż sabiex jiġi ffaċilitat l-ipproċessar tal-applikazzjoni, inkluża r-reviżjoni tagħha minn esperti indipendenti.

Barra minn hekk, l-applikanti għandhom ikunu konxji li Chafea, fil-prinċipju, se tuża l-Ingliż biex tikkomunika mal-benefiċjarji rigward is-segwitu u l-monitoraġġ tal-azzjonijiet kofinanzjati (fażi tal-ġestjoni tal-għotja).

Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rieżami tal-proposti minn esperti indipendenti, li jipprovdu input tekniku għall-evalwazzjoni, traduzzjoni bl-Ingliż tal-parti teknika tal-proposta (parti B) għandha takkumpanja l-proposta jekk din tkun miktuba b'lingwa uffiċjali oħra tal-UE.

6. **Kriterji ta' Eliġibbiltà**

6.1. *Applikanti eliġibbli*

Il-proposti jistgħu jiġu sottomessi biss minn persuni ġuridiċi jew minn entitajiet oħrajn li ma jkollhomx personalità ġuridika taħt il-liġi nazzjonali applikabbli, diment li r-rappreżentanti tagħhom ikollhom il-kapaċità li jissodisfaw obbligi legali f'isem l-entità u joffru garanziji għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni li jkunu ekwivalenti għal dawk offruti minn persuni ġuridiċi, kif imsemmija fl-Artikolu 197(2) tar-Regolament (Euratom, UE) Nru 2018/1046 (minn hawn 'il quddiem "Regolament Finanzjarju") ([5]).

B'mod aktar speċifiku, l-applikazzjonijiet mill-organizzazzjonijiet u l-korpi li ġejjin huma eliġibbli, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014:

(i) organizzazzjonijiet professjonali jew interprofessjonali stabbiliti fi Stat Membru u rappreżentanti tas-settur jew tas-setturi kkonċernat(i) f'dak l-Istat Membru, u b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet interprofessjonali msemmija fl-Artikolu 157 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u l-gruppi kif definiti fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), sakemm ikunu rappreżentattivi għall-isem protett skont ir-Regolament tal-aħħar u li huwa kopert b'dak il-programm;

(ii) organizzazzjonijiet professjonali jew interprofessjonali tal-Unjoni rappreżentattivi tas-settur jew setturi kkonċernat(i) fil-livell tal-Unjoni;

(iii) organizzazzjonijiet tal-produtturi jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi, kif definiti fl-Artikoli 152 u 156 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li ġew rikonoxxuti minn Stat Membru; jew

(iv) korpi tas-settur agroalimentari li l-objettiv u l-attività tagħhom huma li jipprovdu informazzjoni dwar, u li jippromwovu prodotti agrikoli u li jkunu ġew inkarigati, mill-Istat Membru kkonċernat, b'missjoni ta' servizz pubbliku f'dan il-qasam iddefinit b'mod ċar; dawk il-korpi għandhom ikunu ġew stabbiliti legalment fl-Istat Membru inkwistjoni tal-inqas sentejn qabel id-data tas-sejħa għal proposti msemmija fl-Artikolu 8(2).

L-organizzazzjonijiet proponenti msemmija hawn fuq jistgħu jissottomettu proposta diment li jkunu rappreżentattivi tas-settur jew prodott ikkonċernat mill-proposta, li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 1(1) jew 1(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1829, prinċipalment:

(i) organizzazzjoni professjonali jew interprofessjonali, stabbilita fil-livell ta' Stat Membru jew tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1)(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 rispettivament, għandha titqies li tkun rappreżentattiva tas-settur ikkonċernat mill-programm:

— meta tkun tammonta għal mill-inqas 50 % bħala proporzjon tal-għadd ta' produtturi, jew 50 % tal-volum jew tal-valur tal-produzzjoni li tista' titqiegħed fis-suq tal-prodott(i) jew is-settur ikkonċernat(i), fl-Istat Membru kkonċernat jew fil-livell tal-Unjoni; jew

— meta tkun organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta mill-Istat Membru skont l-Artikolu 158 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament u tal-Kunsill jew mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]);

(ii) grupp, kif iddefinit fil-punt 2 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u msemmi fl-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014, għandu jitqies li huwa rappreżentattiv tal-isem protett taħt ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u kopert mill-programm, meta dan jammonta għal mill-inqas 50 % tal-volum jew tal-valur tal-produzzjoni li tista' titqiegħed fis-suq tal-prodott(i) li ismu(isimhom) ikun(ikunu) protett(i);

(iii) organizzazzjoni tal-produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi kif imsemmi fl-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 għandha titqies li tkun rappreżentattiva tal-prodott(i) jew tas-settur ikkonċernat (i) mill-programm, fejn hija rikonoxxuta mill-Istat Membru skont l-Artikolu 154 jew 156 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jew l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013;

([5]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([6]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([7]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([8]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.

(iv) korp fis-settur agroalimentari, kif imsemmi fl-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 għandu jitqies li huwa rappreżentattiv tas-settur(i) kkonċernat(i) mill-programm permezz ta' rappreżentanti ta' dak(dawk) il-prodott(i) jew settur fost is-sħubiji tiegħu.

B'deroga mill-punti (i) u (ii) ta' hawn fuq, jistgħu jiġu aċċettati limiti aktar baxxi jekk l-organizzazzjoni proponenti fil-proposta mressqa turi li jeżistu ċirkostanzi speċifiċi, inkluża l-evidenza dwar l-istruttura tas-suq, li jiġġustifikaw it-trattament tal-organizzazzjoni proponenti bħala rappreżentattiva tal-prodott(i) jew tas-settur ikkonċernat(i).

Il-proposti għandhom jiġu sottomessi minn:

(a) Tal-inqas żewġ organizzazzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (c) jew (d) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014, li għandhom ikunu minn tal-inqas żewġ Stati Membri; jew

(b) Organizzazzjoni waħda jew aktar tal-Unjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014.

Huma eliġibbli biss l-applikazzjonijiet minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE.

Għal applikanti Brittaniċi: Jekk jogħġbok kun af li għandu jkun hemm konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-durata *kollha* tal-għotja. Jekk ir-Renju Unit jirtira mill-UE matul il-perjodu tal-għotja mingħajr ma jikkonkludi ftehim mal-UE li b'mod partikolari jiżgura li l-applikanti Brittaniċi jkomplu jkunu eliġibbli, inti tieqaf tirċievi finanzjament mill-UE (filwaqt li, sa fejn ikun possibbli, tkomplu tipparteċipaw) jew se tkun meħtieġ titlaq mill-proġett abbażi tal-Artikolu 34.3 tal-ftehim ta' għotja.

Entitajiet mhux eliġibbli: applikanti li diġà jirċievu finanzjament mill-Unjoni għall-istess azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jkunu jagħmlu parti mill-proposta(i) tagħhom m'għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni għal dawk il-miżuri skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014.

Għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikanti, huma mitluba d-dokumenti ta' sostenn li ġejjin:

— Entità privata: estratt mill-ġurnal uffiċjali, kopja tal-istatut ta' assoċjazzjoni, jew estratt mir-reġistru tan-negozji jew tal-assoċjazzjonijiet.

— Entità pubblika: kopja tar-riżoluzzjoni jew tad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-kumpanija pubblika, jew dokument uffiċjali ieħor li jistabbilixxi l-entità taħt il-liġi pubblika;

— Entitajiet mingħajr personalità ġuridika: dokumenti li jipprovdu evidenza li r-rappreżentant(i) tagħhom għandu/hom il-kapaċità li jissodisfa(w) l-obbligi legali f'isimhom.

— Barra minn hekk, l-applikanti kollha huma meħtieġa jissottomettu d-dokumentazzjoni rilevanti li tagħti prova li l-applikant jissodisfa l-kriterji tar-rappreżentattività stabbiliti fl-artikolu 1 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1829.

6.2. *Azzjonijiet u attivitajiet eliġibbli*

Il-proposti għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà elenkati fl-Anness III tal-programm ta' Ħidma Annwali, jiġifieri:

(a) il-proposti jistgħu jkopru biss prodotti u skemi elenkati fl-Atikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014;

(b) il-proposti għandhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni li jirregola l-prodotti kkonċernati u l-kummerċjabbiltà tagħhom u għandu jkollhom dimensjoni tal-Unjoni;

(c) il-proposti fis-suq intern li jkopru skema waħda jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014, għandhom jiffokaw fuq din(dawn) l-iskema(i) fil-messaġġ ewlieni tagħhom tal-Unjoni. Meta f'dan il-programm, prodott wieħed jew diversi prodotti juri(u) din(dawn) l-iskema(i), dan/dawn għandu(hom) jidher(jidhru) bħala messaġġ sekondarju fir-rigward tal-messaġġ ewlieni tal-Unjoni;

(d) jekk messaġġ li jintbagħat minn programm multiplu jinkludi informazzjoni dwar l-impatt fuq is-saħħa, il-proposti għandhom:

— fis-suq intern, jikkonformaw mal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), jew jiġu aċċettati mill-awtorità nazzjonali responsabbli għas-saħħa pubblika fl-Istat Membru fejn jitwettqu l-operazzjonijiet;

— f'pajjiżi terzi, jiġu aċċettati mill-awtorità nazzjonali responsabbli għas-saħħa pubblika fil-pajjiż fejn jitwettqu l-operazzjonijiet.

(e) jekk il-proposta tipproponi li ssemmi l-oriġini jew xi marki kummerċjali, hija għandha tikkonforma mar-regoli kif imsemmi fil-Kapitolu II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1831.

Għall-applikanti li jissottomettu proposti mmirati lejn ir-Renju Unit: jekk jogħġobkom innotaw li l-irtirar tar-Renju Unit mill-UE jista' jwassal għal bidliet fl-implimentazzjoni tal-programmi.

Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-attivitajiet ippjanati, għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja:

— Proposti li jkopru skemi ta' kwalità nazzjonali għandhom jipprovdu dokumentazzjoni jew referenza għas-sorsi disponibbli għall-pubbliku li juru li l-iskema ta' kwalità hija rikonoxxuta b'mod uffiċjali mill-Istat Membru.

— Proposti li għandhom fil-mira tagħhom is-suq intern u li jgħaddu messaġġ dwar il-prattiki tad-dieta xierqa jew dwar il-konsum responsabbli tal-alkoħol għandhom jiddeskrivu kif il-programm propost u l-messaġġ(i) tiegħu huma konformi mar-regoli nazzjonali rilevanti fil-qasam tas-saħħa pubblika fl-Istat Membru fejn se jitwettaq il-programm. Il-ġustifikazzjoni għandha tinkludi referenzi jew dokumentazzjoni b'appoġġ tal-pretensjoni.

Barra minn hekk, proposta għandha tikkonforma wkoll ma' waħda mill-prijoritajiet tematiċi elenkati fil-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2020 għall-programmi multipli. Dawn ta' hawn taħt huma estratti mill-programm ta' Ħidma Annwali għall-2020 li jagħtu dettalji tat-tliet suġġetti li għalihom jistgħu jiġu sottomessi applikazzjonijiet. It-test jiddeksrivi s-suġġett, l-ammont relatat previst, l-objettivi u r-riżultati mistennija.

Azzjoni taħt il-prijorità tematika 3: Programmi multipli fis-suq intern

Suġġetti	Ammont totali previst	Prijoritajiet tas-sena, objettivi segwiti u riżultati mistennija
Suġġett A — Għal programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni bl-għan li jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u r-rikonoxximent tal-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(4)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 jew: — Programmi ta' għoti ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jenfasizzaw il-karatteristiċi speċjali tal-metodi agrikoli fl-Unjoni u l-karatteristiċi tal-prodotti agroalimentari u l-iskemi ta' kwalità tal-UE msemmija fl-Artikolu 5(4)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014	EUR 35 000 000	— Għal programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni bl-għan li jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u r-rikonoxximent tal-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(4)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014: L-objettiv hu li jżidu s-sensibilizzazzjoni u r-rikonoxximent tal-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni, jiġifieri: (a) skemi ta' kwalità: denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP), indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), speċjalità tradizzjonali garantita (STG) u termini fakultattivi tal-kwalità; (b) metodu ta' produzzjoni organika; (c) il-logo għal prodotti agrikoli ta' kwalità speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni. Wieħed mir-riżultati mistennija huwa li jiżdiedu l-livelli ta' rikonoxximent tal-logo assoċjati mal-iskemi ta' kwalità tal-Unjon mill-konsumaturi Ewropej. Skont Eurobarometer speċjali (Nru 473), 18 % biss

([9]) Ir-Regolament (UE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9).

Suġġetti	Ammont totali previst	Prijoritajiet tas-sena, objettivi segwiti u riżultati mistennija
		tal-konsumaturi Ewropej jirrikonoxxu l-logos ta' prodotti li jibbenefikaw minn denominazzjoni protetta ta' oriġini (DPO) jew indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), u 15 % jirrikonoxxu l-Speċjalità Tradizzjonali Garantita, li dawn huma l-iskemi ewlenin tal-kwalità tal-Unjoni. Għad li l-għarfien dwar il-logo tal-biedja organika żdied b'erba' punti mill-2015 'l hawn, xorta waħda 27 % tal-konsumaturi Ewropej jagħrfu l-logo tal-UE tal-biedja organika. L-impatt finali mistenni huwa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-iskemi ta' kwalità tal-Unjoni u li jiżdiedu l-kompetittività u l-konsum tal-prodotti agroalimentari tal-Unjoni rreġistrati taħt skema ta' kwalità tal-Unjoni, jogħla l-profil tagħhom u jiżdied is-sehem tagħhom mis-suq. — Għal programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jenfasizzaw il-karatteristiċi speċjali tal-metodi agrikoli fl-Unjoni u l-karatteristiċi tal-prodotti agroalimentari u l-iskemi ta' kwalità tal-UE msemmija fl-Artikolu 5(4)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014: L-objettiv huwa li tiġi sottolinjata mill-inqas waħda mill-karatteristiċi speċifiċi tal-metodi ta' produzzjoni agrikola fl-Unjoni, b'mod partikolari f'termini tas-sigurtà tal-ikel, it-traċċabilità, l-awtentiċità, it-tikkettar, l-aspetti nutrizzjonali u tas-saħħa (inklużi prattiki tad-dieta xierqa u konsum responsabbli tax-xarbiet alkoħoliċi eliġibbli), il-benesseri tal-annimali, ir-rispett għall-ambjent u s-sostenibbiltà, u l-karatteristiċi tal-prodotti agrikoli u dawk tal-ikel, b'mod partikolari f'termini tal-kwalità, it-togħma, id-diversità jew it-tradizzjonijiet tagħhom. L-impatt mistenni huwa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-merti tal-prodotti agrikoli tal-Unjoni mill-konsumaturi Ewropej u li titjieb il-kompetittività u l-konsum tal-prodotti agroalimentari tal-Unjoni, jgħolli l-profil tagħhom u jżid is-sehem tagħhom mis-suq u l-ikel agroalimentari.
Suġġett B Programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni bl-għan li jiżdied il-konsum tal-frott u tal-ħaxix frisk fis-suq intern fil-kuntest ta' prattiki tal-ikel bilanċjati u xierqa* Il-prodotti eliġibbli taħt dan is-suġġett huma dawk elenkati fil-Parti IX tal-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	EUR 8 000 000	Il-Kummissjoni għandha l-impenn li tippromwovi prattiki tal-ikel xierqa, f'konformità mal-white paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar strateġija dwar kwistjonijiet ta' saħħa li jirrigwardaw in-nutrizzjoni, il-piż żejjed u l-obeżità ([1]). L-azzjonijiet għandhom jenfasizzaw il-benefiċċji tal-konsum tal-frott u tal-ħaxix frisk f'dieta bilanċjata. Il-messaġġ jista' jiffoka primarjament fuq: l-għan li jkun hemm mill-inqas ħames porzjonijiet ta' varjetà ta' frott u ħaxix kuljum; il-post tal-frott u tal-ħaxix fil-piramida tal-ikel, l-impatt ta' benefiċċju fuq is-saħħa, eċċ.

Suġġetti	Ammont totali previst	Prijoritajiet tas-sena, objettivi segwiti u riżultati mistennija
		L-objettiv huwa li jiżdied il-konsum tal-frott u tal-ħaxix frisk tal-UE billi l-konsumaturi jiġu infurmati dwar prattiki tad-dieta bilanċjati u xierqa. L-impatt finali mistenni huwa li jiżdiedu l-kompetittività u l-konsum tal-prodotti agroalimentari kkonċernati tal-UE, jogħla l-profil tagħhom u jiżdied is-sehem tagħhom tas-suq.

([1]) COM(2007) 279 final, 30.5.2007.

(*) Proposti ta' programmi multipli dwar "Frott u ħxejjex" għas-suq intern huma eliġibbli wkoll taħt is-Suġġett A. F'dak il-każ, il-messaġġ ta' kampanji dwar frott u ħxejjex taħt Suġġett A għandu jkun differenti milli jenfasizza l-benefiċċji tal-frott u l-ħaxix li jikkunsmaw f'dieta tajba (ħlief jekk il-frott u l-ħxejjex huma assoċjati ma' prodott(i) ieħor/oħrajn)).

Azzjoni taħt il-prijorità tematika 4: Programmi multipli f'pajjiżi terzi

L-applikanti jistgħu b'mod partikolari jikkunsidraw li jimmiraw is-swieq l-iktar inkoraġġanti identifikati taħt it-taqsima 1.2.1 tal-Programm ta' Ħidma Annwali.

Suġġetti	Ammont totali previst	Prijoritajiet tas-sena, objettivi segwiti u riżultati mistennija
Suġġett C Programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni mmirati lejn kwalunkwe pajjiż(i) terzi	EUR 43 400 000	Il-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għandhom jimmiraw pajjiż terz wieħed jew diversi pajjiżi terzi. L-objettivi ta' dawn il-programmi għandhom jikkonformaw mal-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014. L-impatt finali mistenni għandu jżid il-kompetittività u l-konsum tal-prodotti agroalimentari tal-Unjoni, jgħolli l-profil tagħhom u jżid is-sehem tagħhom tas-suq f'dawn il-pajjiżi mmirati.

Tipi ta' attivitajiet eliġibbli

L-azzjonijiet ta' promozzjoni u ta' għoti ta' informazzjoni jistgħu jikkonsistu b'mod partikolari mill-attivitajiet li ġejjin, eliġibbli taħt din is-sejħa:

1. Ġestjoni tal-proġett
2. Relazzjonijiet pubbliċi
   — Attivitajiet ta' PR
   — Avvenimenti tal-istampa
3. Sit web, midja soċjali
   — Stabbiliment, aġġornament u manutenzjoni tas-sit web
   — Midja soċjali (stabbiliment tal-kontijiet u ppowstjar regolari)
   — Oħrajn (apps tal-mowbajl, pjattaformi ta' tagħlim elettroniku, webinars, eċċ.)
4. Reklamar
   — Mezzi Stampati
   — TV
   — Radju
   — Onlajn

— Fuq barra

— Ċinema

5. Għodod ta' komunikazzjoni

— Pubblikazzjonijiet, settijiet tal-midja, merkanzija promozzjonali

— Filmati promozzjonali

6. Avvenimenti

— Stands fil-fieri kummerċjali

— Seminars, workshops, laqgħat B2B, sessjonijiet ta' taħriġ għas-snajja'/koki, attivitajiet fl-iskejjel

— Ġimgħat tar-ristoranti

— Sponsorizzar tal-avvenimenti

— Vjaġġi ta' studju fl-Ewropa

7. Promozzjoni fil-punti tal-bejgħ (POS)

— Jiem tad-dewqan

— Oħrajn: promozzjoni fil-pubblikazzjonijiet tal-bejjiegħa bl-imnut, reklamar fil-POS

Id-dewqan u d-distribuzzjoni tal-kampjuni mhumiex permessi fil-kuntest tal-kampanji dwar ix-xorb responsabbli implimentati fis-suq intern; madankollu, dawn l-attivitajiet jiġu aċċettati jekk ikunu anċillari għal u jappoġġjaw l-għoti ta' miżuri ta' informazzjoni dwar l-iskemi ta' kwalità u l-metodu tal-produzzjoni organika.

Perjodu ta' implimentazzjoni

L-azzjoni kofinanzjata (programmi ta' informazzjoni/ta' promozzjoni) għandha tiġi implimentata fuq perjodu ta' mill-anqas sena iżda ta' mhux aktar minn tliet snin.

Il-proposti għandhom jispeċifikaw id-durata tal-azzjoni.

7. **Kriterji ta' Esklużjoni** ([10])

7.1. *Esklużjoni mill-parteċipazzjoni*

L-applikanti jiġu esklużi milli jipparteċipaw f'din il-proċedura ta' sejħa għall-proposti jekk ikunu jinsabu f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni:

(a) l-applikant ikun fallut, soġġett għal proċedimenti ta' insolvenza jew ta' stralċ, l-assi tiegħu jkunu qed jiġu amministrati minn likwidatur jew minn qorti, ikun f'arranġament ma' kredituri, ikollu l-attivitajiet tan-negozju tiegħu sospiżi, jew ikun fi kwalunkwe sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili prevista fil-liġijiet jew fir-regolamenti nazzjonali;

(b) ikun ġie stabbilit b'deċiżjoni finali jew b'deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun qiegħed jikser l-obbligi tiegħu relatati mal-pagament tat-taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-liġi applikabbli;

(c) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun ħati ta' kondotta professjonali ħażina serja bil-ksur ta' liġijiet jew regolamenti jew standards etiċi applikabbli għall-professjoni li għaliha jappartjeni l-applikant jew billi jkun involut fi kwalunkwe intenzjoni ħażina jew negliġenza serja, inkluż b'mod partikolari, kull wieħed minn dawn ix-xenarji:

(i) ir-rappreżentazzjoni skorretta b'mod frodulenti jew b'negliġenza ta' tagħrif meħtieġ biex jiġi vverifikat li m'hemmx bażi għall-esklużjoni jew is-sodisfazzjon tal-kriterji ta' eliġibbiltà jew tal-għażla jew fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt, ta' ftehim ta' għotja jew ta' deċiżjoni ta' għotja;

(ii) il-ftehim ma' applikanti oħrajn bil-għan li titfixkel il-kompetizzjoni;

(iii) il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

([10]) L-Artikolu 136, l-Artikolu 137 u l-Artikolu 142 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

(iv) it-tentattiv sabiex jiġi influwenzat il-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tal-Aġenzija waqt il-proċedura ta' għoti;

(v) it-tentattiv li tinkiseb informazzjoni kunfidenzjali li tista' tagħtih vantaġġi mhux xierqa fil-proċedura ta' għoti;

(d) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali li l-applikant ikun ħati ta' kwalunkwe wieħed/waħda minn dawn li ġejjin:

(i) frodi, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]) u l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995;

(ii) korruzzjoni, kif definita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 jew l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997, jew l-aġir imsemmi fl-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI ([12]), jew korruzzjoni kif iddefinita fid-dritt applikabbli;

(iii) imġiba relatata ma' organizzazzjoni kriminali kif imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI ([13]);

(iv) ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fis-sens tal-Artikolu 1(3), (4) u (5) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]);

(v) reati terroristiċi jew reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, kif definiti fl-Artikoli 1 u 3 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI ([15]), rispettivament, jew inċitament, għajnuna, tixwix jew tentattivi għat-twettiq ta' tali reati, kif imsemmija fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni;

(vi) tħaddim tat-tfal jew reati oħra li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([16]);

(e) l-applikant ikun wera nuqqasijiet sinifikanti fil-konformità mal-obbligi prinċipali fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt, ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni, li jwasslu għal terminazzjoni kmieni tagħhom jew għall-applikazzjoni ta' danni likwidati jew penali kuntrattwali oħrajn, jew li jinkixfu wara verifiki, awditi jew investigazzjonijiet mill-uffiċjal awtorizzanti, l-OLAF jew il-Qorti tal-Awdituri;

(f) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ikun wettaq irregolarità fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([17]);

(g) Ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li l-applikant ħoloq entità f'ġurisdizzjoni differenti bil-ħsieb li jevita obbligazzjonijiet fiskali, soċjali jew kwalunkwe obbligazzjoni legali oħra ta' applikazzjoni mandatorja fil-ġurisdizzjoni tal-uffiċċju rreġistrat, tal-amministrazzjoni ċentrali jew tas-sede prinċipali tiegħu;

(h) ikun ġie stabbilit permezz ta' sentenza finali jew deċiżjoni amministrattiva finali li entità tkun inħolqot bil-ħsieb imsemmi fil-punt (g);

(i) għas-sitwazzjonijiet imsemmijin fil-punti (c) sa (h) hawn fuq, l-applikant huwa soġġett għal:

(i) fatti stabbiliti fil-kuntest ta' awditi jew investigazzjonijiet imwettqin mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew wara t-twaqqif tiegħu, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi jew minn awditur intern, jew kwalunkwe verifika, awditu jew kontroll ieħor imwettqin taħt ir-responsabbiltà ta' uffiċjal awtorizzanti jew istituzzjoni tal-UE, ta' uffiċċju Ewropewjew ta' aġenzija jew korp tal-UE;

(ii) sentenzi mhux finali jew deċiżjonijiet amministrattivi mhux finali li jistgħu jinkludu miżuri dixxiplinari meħuda mill-korp ta' sorveljanza kompetenti responsabbli għall-verifika tal-applikazzjoni tal-istandards ta' etika professjonali;

(iii) fatti msemmijin fid-deċiżjonijiet tal-persuni jew tal-entitajiet li jiġu inkarigati bil-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE;

(iv) informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri li jimplimentaw fondi tal-Unjoni;

([11]) ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29.
([12]) ĠU L 192, 31.7.2003, p. 54.
([13]) ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42.
([14]) ĠU L 141, 5.6.2015, p. 1.
([15]) ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3.
([16]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
([17]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

(v) deċiżjonijiet tal-Kummissjoni marbuta mal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew ta' awtorità kompetenti nazzjonali relatati mal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew dik nazzjonali; jew

(vi) deċiżjonijiet ta' esklużjoni minn uffiċjal awtorizzanti ta' istituzzjoni tal-UE, ta' uffiċċju Ewropew jew ta' aġenzija jew korp tal-UE.

7.2. *Esklużjoni mill-għoti*

L-applikanti se jiġu esklużi mill-għoti ta' kofinanzjament jekk, matul il-proċedura tal-għoti ta' finanzjament, huma jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti taħt l-Artikolu 141 tar-Regolament Finanzjarju, jiġifieri, jekk

(a) ikunu f'sitwazzjoni ta' esklużjoni stabbilita skont l-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju;

(b) ikunu rrappreżentaw b'mod ħażin l-informazzjoni meħtieġa bħala kondizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura jew naqsu milli jipprovdu dik l-informazzjoni fil-proċedura tal-għoti tal-għotja jew naqsu milli jipprovdu din l-informazzjoni;

(c) qabel kienu involuti fit-tħejjija tad-dokumenti użati fil-proċedura ta' għoti fejn dan ikun jinvolvi ksur tal-prinċipju ta' trattament indaqs, inkluża distorsjoni tal-kompetizzjoni li ma tistax tiġi rimedjata b'xi mod ieħor.

Biex juri l-konformità mal-kriterji ta' esklużjoni, il-koordinatur irid jimmarka l-kaxxa rilevanti waqt li jkun qiegħed jissottometti l-applikazzjoni online tiegħu. Jekk jintgħażlu għall-kofinanzjament, il-benefiċjarji kollha (f'każ ta' għotja b'diversi benefiċjarji) iridu jiffirmaw dikjarazzjoni fuq l-unur li tiċċertifika li ma jkunux f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 136(1), 136(2), 141 u 142 tar-Regolament Finanzjarju. L-applikanti għandhom isegwu l-istruzzjonijiet fil-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti.

8. **Kriterji tal-għażla**

8.1. *Kapaċità finanzjarja*

L-applikanti jrid ikollhom sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament biex iżommu l-attività tagħhom tul il-perjodu sħiħ tal-implimentazzjoni tal-azzjoni u biex jipparteċipaw fil-finanzjament tagħha.

Il-kapaċità finanzjarja tal-applikanti kollha tiġi vvalutata skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju. Din il-valutazzjoni ma titwettaqx jekk:

— L-applikant ikun korp pubbliku.

— Il-kontribuzzjoni tal-UE mitluba mill-applikant hija ≤ EUR 60 000.

Id-dokumenti ta' sostenn li jridu jiġu annessi mal-applikazzjoni online biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-kapaċità finanzjarja jinkludu:

— Il-kont tal-qligħ u telf, u l-karta bilanċjali għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha jkunu ngħalqu l-kontijiet.

— Għall-entitajiet maħluqin ġodda, il-pjan tan-negozju jista' jieħu post id-dokumenti t'hawn fuq.

Barra minn hekk, għal koordinatur jew benefiċjarju ieħor li jitlob kontribuzzjoni mill-UE ta' ≥ EUR 750 000 (limitu applikabbli għal kull benefiċjarju):

— Rapport tal-awditu mħejji minn awditur estern approvat, li jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sena finanzjarja disponibbli. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għall-korpi pubbliċi.

Jekk ir-rapport tal-awditu ma jkunx disponibbli u ma jkunx meħtieġ rapport statutorju bil-liġi, għandha tiġi pprovduta awtodikjarazzjoni ffirmata mir-rappreżentant awtorizzat tal-applikant li tiċċertifika l-validità tal-kontijiet tagħha għall-aħħar sena finanzjarja disponibbli.

Il-valutazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tal-applikanti ser titwettaq permezz tal-Portal ta' Finanzjar u Sejħiet għall-Offerti.

8.2. *Kapaċità operattiva*

L-applikanti għandu jkollhom il-kwalifiki professjonali xierqa biex iwettqu l-azzjonijiet proposti.

L-applikanti għandhom juru li mill-inqas persuna fiżika waħda li taħdem taħt kuntratt ta' impjieg mal-applikant, jew assenjata għall-azzjoni abbażi ta' att ta' ħatra ekwivalenti, sekondata kontra l-pagament jew abbażi ta' tipi oħrajn ta' kuntratti diretti (eż. li jkopru l-għoti ta' servizzi) se tinħatar bħala koordinatur tal-proġetti. Il-koordinatur tal-proġetti għandu jkollu mill-inqas tliet snin ta' esperjenza fil-ġestjoni tal-proġetti. Bħala evidenza, l-informazzjoni li ġejja trid tiġi pprovduta fl-Anness "CVs":

— Curriculum Vitae (kwalifiki u esperjenzi professjonali) tal-persuna/i prinċipalment responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-azzjoni proposta ([18]).

([18]) L-applikanti huma avżati biex jissottomettu curricula vitae fil-format tal-Europass. Mudell disponibbli fuq: http://europass.cedefop.europa.eu/

Barra minn hekk, l-informazzjoni li ġejja trid tiġi pprovduta fl-anness "Informazzjoni addizzjonali":

— Ir-rapport dwar l-attivitajiet tal-organizzazzjoni(jiet) proponenti jew deskrizzjoni tal-attivitajiet imwettqa b'rabta mal-attivitajiet li jkunu eliġibbli għal kofinanzjament kif deskritt taħt il-punt 6 (aktar 'il fuq).

9. **Kriterji għall-għoti**

Il-Parti B tal-applikazzjoni sservi biex il-proposta tiġi evalwata kontra l-kriterji għall-għoti.

L-applikazzjonijiet iridu jipproponu struttura effiċjenti tal-ġestjoni u jipprovdu strateġija ċara u deskrizzjoni preċiża tal-istrateġija u tar-riżultati mistennija.

Il-kontenut ta' kull proposta se jiġi vvalutat skont il-kriterji u s-sottokriterji li ġejjin:

Kriterji	Punti Massimi	Limitu
1. Id-dimensjoni tal-Unjoni	20	14
2. Il-kwalità tal-proposta teknika	40	24
3. Il-kwalità tal-ġestjoni tal-proġett	10	6
4. Baġit u kosteffettività	30	18
TOTAL	**100**	**62**

Il-proposti li jaqgħu taħt il-limiti globali u/jew il-limiti individwali mħabbra hawn fuq għandhom jiġu rifjutati.

Is-sottokriterji li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni ta' kull wieħed mill-kriterji prinċipali tal-għoti:

1. Id-dimensjoni tal-Unjoni:
   (a) Ir-rilevanza tal-informazzjoni proposta u tal-miżuri ta' promozzjoni għall-objettivi ġenerali u speċifiċi elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014, għall-għanijiet elenkati fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, kif ukoll għall-prijoritajiet, għall-objettivi u għar-riżultati mistennija mħabbra taħt il-prijorità tematika rilevanti.
   (b) Il-messaġġ tal-Unjoni tal-kampanja.
   (c) L-impatt tal-proġett fil-livell tal-Unjoni.
2. Il-kwalità tal-proposta teknika:
   (a) Il-kwalità u r-rilevanza tal-analiżi tas-suq.
   (b) Il-koerenza tal-istrateġija tal-programm, tal-objettivi, u tal-messaġġi ewlenin.
   (c) Għażla xierqa ta' attivitajiet fir-rigward tal-objettivi u tal-istrateġija tal-programm, taħlita ta' komunikazzjoni adegwata, sinerġija bejn l-attivitajiet.
   (d) Deskrizzjoni konċiża tal-attivitajiet u tar-riżultati.
   (e) Il-kwalità tal-metodi u tal-indikaturi proposti għall-evalwazzjoni.
3. Il-kwalità tal-ġestjoni tal-proġett:
   (a) L-organizzazzjoni tal-proġett u l-istruttura tal-ġestjoni.
   (b) Il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità u l-ġestjoni tar-riskju.
4. Il-baġit u l-kosteffettività:
   (a) Ġustifikazzjoni tal-livell ġenerali tal-investiment.
   (b) Allokazzjoni xierqa tal-baġit fir-rigward tal-objettivi u tal-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet.
   (c) Deskrizzjoni ċara tal-ispejjeż stmati u tal-preċiżjoni tal-baġit.
   (d) Il-konsistenza bejn l-ispejjeż stmati u r-riżultati.
   (e) Stima realistika tal-ispejjeż tal-koordinazzjoni tal-proġetti u tal-attivitajiet implimentati mill-organizzazzjoni proponenti, inklużi n-numru u r-rata tal-persuni/jiem.

Wara l-evalwazzjoni, il-proposti kollha eliġibbli jiġu kklassifikati skont in-numru totali ta' punti mogħtija. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jingħataw lill-proposti bl-ogħla klassifikazzjoni skont il-baġit disponibbli.

Għandha tiġi stabbilita lista bi klassifikazzjoni separata għal kull wieħed mis-suġġetti ta' prijorità elenkati taħt it-taqsima 6.2 ta' din is-sejħa.

Jekk ikun hemm żewġ proposti (jew aktar) bl-istess numru ta' punti fuq l-istess lista bi klassifikazzjoni, f'dak il-każ il-proposta(i) li tagħti(jagħtu) lok għal diversifikazzjoni f'termini ta' prodotti jew ta' swieq immirati għandha/għandhom tingħata/jingħataw prijorità. Dan ifisser li bejn proposti *ex aequo*, il-Kummissjoni l-ewwel għandha tagħżel dik li l-kontenut tagħha (l-ewwel f'termini tal-prodotti, it-tieni f'termini tas-suq immirat) ikun għadu mhux rappreżentat fil-proposti kklassifikati ogħla. Jekk dan il-kriterju ma jkunx jista' jiġi applikat, f'dak il-każ il-Kummissjoni għandha l-ewwel tagħżel il-programm li jkun ġab l-ogħla punteġġ għall-kriterji tal-għoti individwali. L-ewwel, hi se tqabbel il-punteġġi għad-"Dimensjoni tal-Unjoni", imbagħad għall-"Kwalità tal-proposta finanzjarja", u finalment għall-"Baġit u l-kosteffettività".

Jekk għal suġġett partikolari ma jkunx hemm biżżejjed proposti fuq il-lista bi klassifikazzjoni biex jiġi eżawrit l-ammont kollu previst, l-ammont li jifdal jista' jiġi allokat mill-ġdid lil suġġetti oħra skont il-kriterju li ġej:

— It-total tal-ammont previst li jifdal għat-tliet suġġetti għandu jingħaqad u jiġi allokat għall-proġetti bl-ogħla punteġġ tal-kwalità, irrispettivament mis-suġġett li għalih applikaw.

L-ordni tal-listi kklassifikati se tiġi segwita b'mod strett.

10. **Impenji legali**

Il-koordinaturi tal-proposti inklużi fil-lista għall-finanzjament sejrin jiġu mistiedna jinvolvu ruħhom fil-faži tal-adattament ta' qabel l-iffirmar tal-ftehim tal-għotja; l-adattament se jsir permezz ta' sistema online ta' tħejjija tal-għotjiet (SYGMA). Jekk jirnexxi, dan se jirriżulta fl-iffirmar ta' ftehim ta' għotja, imfassal fil-munita euro u li jispjega l-kundizzjonijiet u l-livell tal-finanzjament.

Il-ftehim tal-għotja jrid jiġi ffirmat elettronikament l-ewwel mill-koordinaturi f'isem il-konsorzju, imbagħad miċ-Chafea. Il-kobenefiċjarji kollha jridu jaderixxu mal-ftehim tal-għotja billi jiffirmaw elettronikament il-formola tal-adeżjoni tal-għotja.

11. **Dispożizzjonijiet finanzjarji**

Ir-Regolament Finanzjarju jiddefinixxi r-regoli applikabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi multipli.

11.1. *Prinċipji ġenerali li japplikaw għall-għotjiet* ([19])

(a) Għoti mhux kumulattiv

Azzjoni tista' tirċievi biss għotja waħda mill-baġit tal-UE.

L-istess spejjeż fl-ebda ċirkustanza ma għandhom jiġu ffinanzjati darbtejn mill-baġit tal-Unjoni.

L-applikanti għandhom jindikaw is-sorsi u l-ammonti ta' finanzjament tal-Unjoni riċevut jew li ssir applikazzjoni għalih għall-istess azzjoni jew parti mill-azzjoni jew għat-tħaddim tagħhom (għotjiet operattivi), kif ukoll kwalunkwe finanzjament ieħor riċevut jew li ssir applikazzjoni għalih għall-istess azzjoni.

(b) Non-retroattività

Ma tista' tingħata l-ebda għotja b'mod retrospettiv għal azzjonijiet li jkunu diġà tlestew.

Għotja tista' tingħata għal azzjoni li diġà tkun bdiet biss meta l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li l-azzjoni tibda qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim tal-għotja.

F'dawn il-każijiet, l-ispejjeż eliġibbli għall-finanzjament ma jistgħux jiġġarrbu qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-għotja.

(c) Il-prinċipju tal-kofinanzjament

Kofinanzjament ifisser li r-riżorsi meħtieġa biex titwettaq l-azzjoni ma jkunux kompletament ipprovduti mill-għotja tal-UE.

In-nefqa li tibqa' titħallas eskluživament mill-organizzazzjoni proponenti. Huma permessi u se jiġu kkunsidrati bħala riċevuti, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija lil benefiċjarju mill-membri tagħha, speċifikament biex jintużaw għall-ispejjeż li huma negliġibbli taħt l-azzjoni

([19]) L-Artikolu 188 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

11.2. *Baġit ibbilanċjat*

Il-baġit stmat tal-azzjoni jrid jiġi ppreżentat fil-parti A tal-formola ta' applikazzjoni. Dan irid ikollu d-dħul u n-nefqa bbilanċjati.

Il-baġit irid ikun imfassal fil-munita euro.

L-applikanti, li jipprevedu li l-ispejjeż ma jkunux se jiġu mġarrba fil-munita euro, huma mistiedna jużaw ir-rata tal-kambju ppubblikata f'Il-Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea:

http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/inforeuro/inforeuro_en.cfm

11.3. *Kuntratti/sottokuntratti ta' implimentazzjoni*

Fejn l-implimentazzjoni tal-azzjoni tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratti ta' akkwist (kuntratti ta' implimentazzjoni), il-benefiċjarju għandu jagħti l-kuntratt lill-offerta li tagħti l-aħjar valur għall-flus jew l-orħos prezz (kif ikun xieraq), biex b'hekk jiġu evitati kunflitti ta' interess ([20]).

Il-benefiċarju hu mistenni li jiddokumenta b'mod ċar il-proċedura tal-offerti u għandu jżomm id-dokumentazzjoni f'każ li jkun hemm bżonn ta' awditjar.

Fejn l-organizzazzjoni proponenti tkun korp irregolat mil-liġi pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(4) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]), hija trid tagħżel is-sottokuntratturi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi dik id-Direttiva.

Is-sottokuntrattar, jiġifieri l-esternalizzazzjoni ta' kompiti jew attivitajiet speċifiċi li jiffurmaw parti mill-azzjoni kif deskritt fil-proposta, irid jissodisfa l-kundizzjonijiet applikabbli għal kwalunkwe kuntratt ta' implimentazzjoni (kif speċifikat hawn fuq) u flimkien magħhom jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— irid ikun iġġustifikat fir-rigward tan-natura tal-azzjoni u dak li jkun meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħha;

— il-kompiti ċentrali tal-azzjonijiet (jiġifieri l-koordinazzjoni teknika u finanzjarja tal-azzjoni u l-ġestjoni tal-istrateġija) la jistgħu jiġu sottokuntrattati u lanqas delegati;

— l-ispejjeż stmati tas-sottokuntrattar iridu jissemmew b'mod ċar fil-partijiet tekniċi u finanzjarji tal-proposta;

— kwalunkwe rikors għas-sottokuntrattar, jekk ma jiġix ipprovdut fid-deskrizzjoni tal-azzjoni, jiġi kkomunikat mill-benefiċjarju u approvat miċ-Chafea. Iċ-Chafea tista' tagħti approvazzjoni tal-għotja:

  (i) qabel kwalunkwe rikors għal sottokuntrattar, jekk il-benefiċjarji jitolbu emenda

  (ii) wara rikors għal sottokuntrattar jekk is-sottokuntrattar:

    — ikun speċifikament iġġustifikat fir-rapport tekniku interim jew finali u

    — ma jinvolvix bidliet għall-ftehim tal-għotja li jqajmu dubju dwar id-deċiżjoni li tagħti l-għotja jew ikunu kontra t-trattament ugwali tal-applikanti;

— il-benefiċjarji jiżguraw li ċerti kundizzjonijiet applikabbli għall-benefiċjarji, enumerati fil-ftehim tal-għotja (eż. il-viżibbiltà, il-kunfidenzjalità, eċċ.) jkunu applikabbli wkoll għas-sottokuntratturi.

Sottokuntrattar lil entitajiet li jkollhom rabta strutturali mal-benefiċjarju:

Jistgħu jingħataw sottokuntratti wkoll lil entitajiet li jkollhom rabta strutturali mal-benefiċjarju, iżda biss jekk il-prezz ikun limitat għall-ispejjeż attwali mġarrba mill-entità (jiġifieri mingħajr l-ebda marġini ta' profitt).

Il-kompiti li għandhom jiġu implimentati minn tali entitajiet iridu jkunu msemmija b'mod ċar fil-parti teknika tal-proposta.

11.4. *Forom ta' finanzjament, spejjeż eliġibbli u mhux eliġibbli*

Il-kofinanzjament għandu jieħu l-forma ta' rimborż ta' proporzjon speċifikat tal-ispejjeż eliġibbli li fil-fatt jiġġarrbu; huwa se jinkludi wkoll rata fissa li tkopri l-ispejjeż indiretti (ugwali għal 4 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-persunal) li jkunu relatati mal-implimentazzjoni tal-azzjoni ([22]).

([20]) Għal gwida dwar il-proċedura kompetittiva, jekk joqogħbok irreferi għall-paġna tal-web li ġejja: https://ec.europa.eu/chafea/agri/sites/chafea/files/agri-2016-61788-00-00_mt.pdf

([21]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.

([22]) L-applikanti għandhom ikunu jafu li f'każ li jirċievu għotja operattiva, spejjeż indiretti ma jkunux eliġibbli.

— **Ammont massimu mitlub**

L-għotja tal-UE hija limitata għar-rata massima ta' kofinanzjament li ġejja ta':

— għal programmi multipli fis-suq intern u f'pajjiżi terzi: 80 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-programm;

— għal applikanti stabbiliti fi Stati Membri li fl-1 ta' Jannar 2014 jew wara rċevew għajnuna finanzjarja skont l-Artikolu 136 u 143 TFUE ([23]), il-perċentwal għandu jkun 85 %.

Dan għandu japplika biss għal dawk l-għotjiet li ffirmat iċ-Chafea qabel id-data minn meta l-Istat Membru kkonċernat ma jibqax jirċievi dik l-għajnuna finanzjarja.

Konsegwentement, parti mit-total tal-ispejjeż eliġibbli mdaħħla fl-istima tal-baġit għandha tiġi ffinanzjata minn sorsi barra l-għotja mill-UE (prinċipju ta' kofinanzjament).

— **Spejjeż eliġibbli**

L-ispejjeż eliġibbli jkunu attwalment imġarrba mill-benefiċjarju tal-għotja u jissodisfaw il-kriterji kollha indikati fl-Artikolu 6 tal-mudell tal-ftehim ta' għotja:

— L-ispejjeż eliġibbli (direttament u indirettament) huma indikati fil-ftehim tal-għotja (ara l-Artikolu 6, il-paragrafi 1 u 2).

— L-ispejjeż li mhumiex eliġibbli huma indikati fil-ftehim tal-għotja (ara l-Artikolu 6.4).

— **Kalkolu tal-ammont finali tal-għotja**

L-ammont finali tal-għotja jiġi kkalkulat wara t-tlestija tal-programm, fuq approvazzjoni tat-talba għall-pagament.

L-"ammont finali tal-għotja" jiddependi minn kemm fil-fatt il-programm ikun qiegħed jiġi implimentat skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' għotja.

Dan l-ammont jiġi kkalkulat miċ-Chafea, meta jsir il-pagament tal-bilanċ, fl-istadji li ġejjin:

1. Applikazzjoni tar-rata tar-rimborż għall-ispejjeż eliġibbli.

2. Limitu għall-ammont massimu tal-għotja.

3. Tnaqqis minħabba r-regola ta' ebda profitt.

4. Tnaqqis minħabba implimentazzjoni żbaljata jew ksur ta' obbligi oħrajn.

L-għotjiet tal-UE jistgħu ma jkollhomx l-iskop jew l-effett li jipproduċu profitt fi ħdan il-qafas tal-azzjoni. "Profitt" għandha tiġi definita bħala l-eċċess tal-ammont miksub wara l-istadji 1 u 2 flimkien mal-irċevuti totali tal-azzjoni, fuq l-ispejjeż eliġibbli totali tal-azzjoni.

F'dan ir-rigward, meta jsir profitt, iċ-Chafea għandha tkun intitolata li tirkupra l-perċentwal tal-profitt li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-UE għall-ispejjeż eliġibbli li fil-fatt iġġarrbu mill-benefiċjarju(i) biex iwettaq(iwettqu) l-azzjoni. Sieħeb (koordinatur jew benefiċjarju ieħor) li jitlob kontribuzzjoni mill-UE ta' ≤ EUR 60 000, huwa eżentat minn din id-dispożizzjoni.

11.5. *Arranġamenti għall-pagamenti*

Ħlas ta' prefinanzjament li jikkorrispondi għal 20 % tal-ammont tal-għotja se jiġi ttrasferit lill-koordinatur skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' għotja (l-Artikolu 16.2).

Pagament(i) interim għandu(hom) jitħallas(jitħallsu) lill-koordinatur skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' għotja (l-Artikolu 16.3). Il-pagament(i) interim huwa(huma) maħsuba(in) biex jirrimborżaw il-kostijiet eliġibbli mġarrba għall-implimentazzjoni tal-programm matul il-perjodu(i) ta' rapportar korrispondenti.

L-ammont totali tal-pagament(i) ta' prefinanzjament u interim ma għandux jaqbeż 90 % tal-ammont massimu tal-għotja.

Iċ-Chafea se tistabbilixxi l-ammont tal-pagament tal-bilanċ abbażi tal-kalkolu tal-ammont finali tal-għotja u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim tal-għotja.

Jekk l-ammont totali tal-pagamenti li saru qabel ikun akbar mill-ammont finali tal-għotja, il-pagament tal-bilanċ jieħu l-forma ta' rkupru.

([23]) Fid-data tal-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa: l-ebda wieħed mill-Istati Membri ma jinsab taħt assistenza finanzjarja.

11.6. *Garanzija ta' prefinanzjament*

Jekk il-kapaċità finanzjarja tal-applikant ma tkunx sodisfaċenti, tista' tintalab garanzija tal-prefinanzjament li tista' tasal sal-istess ammont tal-pagament tal-prefinanzjament biex tillimita r-riskji finanzjarji relatati mal-pagament tal-prefinanzjament.

Jekk mitluba, il-garanzija finanzjarja f'euro, għandha tiġi pprovduta minn bank jew minn istituzzjoni finanzjarja approvata stabbilita f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Ammonti li jkunu marbutin f'kontijiet il-bank ma għandhomx jiġu aċċettati bħala garanziji finanzjarji.

Din il-garanzija tista' tiġi sostitwita b'garanzija mogħtija in solidum minn parti terza, jew bħala garanzija konġunta tal-benefiċjarji tal-azzjoni li huma partijiet għall-istess ftehim tal-għotja.

Il-garanti għandu jkun il-garanti li jissejjaħ l-ewwel u ċ-Chafea ma jkunx jeħtiġilha li l-ewwel tirrikorri kontra d-debitur prinċipali (jiġifieri l-benefiċjarju kkonċernat).

Il-garanzija tal-prefinanzjament għandha tibqa' fis-seħħ b'mod espliċitu sakemm jitħallas il-bilanċ, u fil-każ li l-pagament tal-bilanċ jsir fil-forma ta' rkupru, sa tliet xhur wara li n-nota ta' debitu tiġi nnotifikata lil benefiċjarju.

Ma hija se tkun meħtieġa l-ebda garanzija għal benefiċjarji li jirċievu kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR ≤ 60 000 (għotjiet ta' valur baxx).

12. **Pubbliċità**

12.1. *Mill-benefiċjarji*

Il-benefiċjarji jridu juru biċ-ċar il-kontribut tal-Unjoni Ewropea fl-attivitajiet kollha li għalihom tintuża l-għotja.

F'dan ir-rigward, il-benefiċjarji huma meħtieġa li jagħtu prominenza lill-isem u l-emblema tal-Unjoni Ewropea fil-pubblikazzjonijiet, posters, programmi u prodotti oħra kollha tagħhom imwettqa taħt il-proġett kofinanzjat.

Ir-regoli għar-riproduzzjoni grafika tal-emblema Ewropea jinsabu fil-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali ([24]).

Barra minn hekk, il-materjal viżiv kollu li jiġi prodott fil-qafas ta' programm ta' promozzjoni kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea għandu juri l-firma "Enjoy it's from Europe" ("Gawdi, dan mill-Ewropa"):

Il-linji gwida dwar l-użu tal-firma, kif ukoll il-fajls grafiċi kollha jistgħu jitniżżlu mis-sit web tal-promozzjoni fuq Ewropa ([25]).

Fl-aħħar nett, kull materjal bil-miktub, jiġifieri brochures, posters, fuljetti, strixxuni, kartelluni, riklami stampati, artikli fil-ġurnali, paġni web (bl-eċċezzjoni ta' gadgets żgħar) għandu jinkludi dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà skont it-termini dettaljati fil-ftehim tal-għotja, li tispjega li jirrappreżenta l-fehmiet tal-awtur. Il-Kummissjoni Ewropea/l-Aġenzija ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal użu li jista' jsir mill-informazzjoni li jkun fih.

12.2. *Miċ-Chafea*

Kull informazzjoni relatata mal-għotjiet mogħtija matul sena finanzjarja għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit tal-Internet taċ-Chafea sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara s-sena finanzjarja li fiha jkunu ngħataw l-għotjiet.

Iċ-Chafea ser tippubblika l-informazzjoni li ġejja:

— l-isem tal-benefiċjarju (entità legali),

— l-indirizz tal-benefiċjarju meta dan tal-aħħar ikun persuna ġuridika, ir-reġjun meta l-benefiċjarju jkun persuna fiżika, kif iddefinit fil-livell NUTS 2 ([26]) jekk huwa/hija domiċiljat(a) fl-UE jew ekwivalenti jekk domiċiljati barra mill-UE,

— is-suġġett tal-għotja,

— l-ammont mogħti.

([24]) http://publications.europa.eu/code/mt/mt-5000100.htm

([25]) https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/market-measures/promotion-eu-farm-products_en

([26]) ĠU L 39, 10.2.2007, p. 1.

13. **Protezzjoni tad-*data***

It-tweġiba għal kull sejħa għall-proposti tinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ipproċessar tad-*data* personali (bħall-isem, l-indirizz u s-CV tal-individwi li jipparteċipaw fl-azzjoni kofinanzjata). Din id-*data* tiġi proċessata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 ([27]) dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, il-mistoqsijiet u kwalunkwe *data* personali mitluba li huma meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni skont l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-proposti se jiġu proċessati biss għal dak l-iskop mill-Aġenzija Eżekuttiva/mill-Kummissjoni jew minn partijiet terzi li jaġixxu f'isem l-Aġenzija Eżekuttiva/il-Kummissjoni u taħt ir-responsabbiltà tagħha. Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jiġu infurmati dwar aktar dettalji tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar, id-drittijiet tagħhom u kif dawn jistgħu jiġu infurzati b'riferiment għad-dikjarazzjoni tal-privatezza ppubblikata fil-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti:

https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/support/legalnotice

u fis-sit web tal-Aġenzija:

https://ec.europa.eu/chafea/about/data-protection/index_en.htm

L-applikanti huma mistiedna jiċċekkjaw id-dikjarazzjoni tal-privatezza rilevanti f'intervalli regolari ħalli jkunu infurmati kif xieraq b'aġġornamenti possibbli li jistgħu jseħħu sal-iskadenza tas-sottomossjoni tal-proposti tagħhom jew wara. Il-benefiċjarji jassumu l-obbligu ġuridiku li jinfurmaw lill-persunal tagħhom dwar l-operazzjonijiet tal-ipproċessar rilevanti li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija; biex jagħmlu dan, iridu jipprovdulhom id-dikjarazzjonijiet tal-privatezza ppubblikati mill-Aġenzija fuq il-Portal tal-Finanzjament u l-Offerti qabel jittrażmettu d-*data* tagħhom lill-Aġenzija; Id-*data* personali tista' tiġi rreġistrata fis-Sistema ta' Individwazzjoni u ta' Esklużjoni Bikrija (EDES) tal-Kummissjoni Ewropea prevista fl-Artikoli 135 u 142 tar-Regolament Finanzjarju tal-UE skont id-dispożizzjonijiet applikabbli.

14. **Proċedura għall-preżentazzjoni ta' proposti**

Il-proposti jridu jintbagħtu sad-data ta' skadenza stabbilita fit-taqsima 3 permezz tas-Sistema tas-Sottomissjoni Elettronika fuq:

https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home

Qabel ma tissottometti proposta:

1. Sib sejħa:

   https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/programmes/agrip

2. Oħloq kont biex tissottometti proposta:

   https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/how-to-participate/beneficiary-register

3. Irreġistra s-sħab kollha permezz tar-reġistru tal-benefiċjarji:

   https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/how-to-participate/beneficiary-register

L-applikanti se jiġu infurmati bil-miktub dwar ir-riżultati tal-proċess tal-għażla.

L-applikanti għandhom jirrispettaw ir-rekwiżiti tal-limitu ta' paġni u tal-ifformattjar għall-proposta teknika (parti B) indikata fis-sistema tas-sottomissjoni.

Meta jissottometti proposta, l-applikant jaċċetta l-proċeduri u l-kundizzjonijiet kif deskritt f'din is-sejħa u fid-dokumenti li tirreferi għalihom.

Ma hija permessa l-ebda modifika fl-applikazzjoni ladarba tgħaddi l-iskadenza għas-sottomissjoni. Madankollu, jekk ikun meħtieġ li jiġu ċċarati ċerti aspetti jew li jiġu rranġati xi żbalji klerikali, il-Kummissjoni/l-Aġenzija tista' tikkuntattja lill-applikant għal dan il-għan matul il-proċess tal-evalwazzjoni ([28]).

Kuntatti

Għal mistoqsijiet dwar l-għodod għas-sottomissjoni online, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Helpdesk tal-IT stabbilit għal dan l-għan permezz tal-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti:

https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/support/helpdesks

Għal mistoqsijiet mhux relatati mal-IT, huwa disponibbli helpdesk fi Chafea fuq: CHAFEA-AGRI-CALLS@ec.europa.eu. L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-mistoqsijiet hija l-1.4.2020 17.00 CET (Ħin tal-Ewropa Ċentrali). It-tweġibiet għal mistoqsijiet rilevanti se jiġu ppubblikati fuq http://ec.europa.eu/chafea/agri/faq.html sat-8.4.2020 17.00 CET (Ħin tal-Ewropa Ċentrali)

([27]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.
([28]) Premessa 89 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Il-mistoqsijiet frekwenti huma ppubblikati fis-sit elettroniku tas-Chafea: http://ec.europa.eu/chafea/agri/faq.html

Fil-korrispondenza kollha relatata ma' din is-sejħa (eż: meta tintalab informazzjoni, jew tiġi sottomessa applikazzjoni), għandha ssir referenza ċara għal din is-sejħa speċifika. Ladarba s-sistema ta' skambju elettroniku talloka numru tal-ID tal-proposta, l-applikant irid juża dan in-numru f'kull korrispondenza sussegwenti.

Dokumenti relatati

— Gwida għall-applikanti dwar l-annessi rilevanti

— Formola ta' applikazzjoni

— Mudell tal-Ftehim tal-Għotjiet (verżjoni ta' monobeneficjarju u multibeneficjarju)